MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 67/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Debattista talli fis-16 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' l-10.00 p.m. go Brown's, St. George's Road, Paceville, San Giljan:

(1) Naqas li jipprojbixxi li jsir tipjip fil-fond Brown's St George's Road, Paceville li kien miftuh ghall-pubbliku;

(2) Naqas li jadotta mizuri biex jizgura li t-tipjip isir biss fil-kmamar imsemmija li jista' jsir tipjip;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Kenneth Debattista hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fl-ewwel wahda u, wara li rat l-artikoli [*recte:* regolamenti] 3 u 5(b) ta' l-Avviz Legali 414/2004, u kkundannatu ghal multa ta' €232.95 (ekwivalenti ghal Lm100);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Kenneth Debattista pprezentat fit-2 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tikkancella u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull akkuza u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-appellant kien il-persuna responsabbli ai termini tar-regolamenti 3 u 5(b) ta' l-A.L. 414/2004 li jadotta mizuri sabiex ikun zgurat illi t-tipjip isir biss fi kmamar imsemmija; naqset ukoll li tipprova illi l-appellant kien il-persuna responsabbli ai termini ta' l-imsemmi Avviz Legali; (2) il-fond in kwistjoni ma jaqax fl-ambitu ta' l-Avviz Legali in kwistjoni peress illi fih ma jigix offrut ikel u x-xhieda tal-prosekuzzjoni ikkonfermaw li l-imsemmi fond huwa bar u ma joffrix ikel.

Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni illi ma giex pruvat mill-prosekuzzjoni illi huwa kien il-persuna responsabbli ai termini tal-ligi. Jghid illi ma xehed hadd mill-Awtorita` dwar il-Turizmu dwar il-licenzja tal-post in kwistjoni. Huwa minn tali permess, jghid l-appellant, illi jkun jirrizulta min hi l-persuna responsabbli.

Issa, fl-Avviz Legali 414/2004 "persuna responsabbli" hi definita bhala **"kull persuna illi hija fl-ahhar mill-ahhar responsabbli ghal xi stabbiliment li dwaru japplikaw dawn ir-regolamenti u ghandha tinkludi lil kull**

**persuna li tkun qed tagixxi f'ismu u lil kull principal"**. Huwa minnu li l-prosekuzzjoni ma ressqitx rapprezentant ta' l-Awtorita` Maltija dwar it-Turismu sabiex jixhed dwar lil min tghajjat il-licenzja tal-fond in kwistjoni, izda d-definizzjoni ta' "persuna responsabbli" hi wiesa' u ma tistax tigi interpretata bhala li qed tirreferi biss ghall-persuna li f'isimha hemm il-licenzja. Difatti tinkludi wkoll "kull persuna li tkun qed tagixxi f'ismu".

Mill-provi jirrizulta illi zewg spetturi tas-sahha mid-Dipartment tas-Sahha ghamlu spezzjoni fil-fond "Brown's" f'St. George's Road, Paceville fis-16 ta' Mejju 2008. Minbarra li dawn iz-zewg xhieda rreferew ghall-imsemmi fond bhala li hu ta' l-appellant, effettivament dakinhar sabu lilu bhala l-persuna responsabbli u difatti kellmu lilu fuq it-tipjip li kien qieghed isir. Jigifieri anke jekk stess il-licenzja ma tghajjatx lilu, fil-gurnata in kwistjoni kien hu r-responsabbli ghall-hanut meta kellmuh. Difatti dawn iz-zewg xhieda la gew kontradetti u lanqas ma jirrizulta mix-xiehda taghhom illi l-appellant b'xi mod cahad li kien responsabbli.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ligi dwar liem'huma l-fondi ossia postijiet kolpiti mill-Avviz Legali 414/2004. Ir-regolament 2 jaghti definizzjoni tal-kelma "postijiet" bhala **"postijiet ta' l-ikel u postijiet bhalhom minn fejn jigi offrut l-ikel u x-xorb bi hlas jew b'xejn"**. Ir-regolament 3 ma juzax il-kelma "postijiet" izda juza l-kelma "fond": **"Huwa projbit li jsir tipjip f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghall-pubbliku hlief fi kmamar imsemmija fejn jista' jsir it-tipjip."** Fil-verzjoni Ingliza li ghaliha jirreferi l-appellant, il-kelma "premises" hi uzata kemm fir-regolament 2 (fid-defining clause) kif ukoll fir-regolament 3. Ghalhekk, isostni, ir-regolament 3 jirreferi biss ghal dawk il-"postijiet" kif definiti fir-regolament 2, cioe` **"postijiet ta' l-ikel u postijiet bhalhom minn fejn jigi offrut l-ikel <u>u</u> x-xorb bi hlas jew b'xejn"**. Jghid illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi fil-fond in kwistjoni jigi offrut ikel u x-xhieda tal-

prosekuzzjoni kkonfermaw illi l-imsemmi fond huwa bar u ma joffrix ikel.

L-ewwelnett jigi osservat illi hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qal illi fil-fond “Brown’s” ma jigix offrut ikel. Helen Calleja ma qalet xejn, l-anqas dwar il-generu tal-hanut, filwaqt illi kull ma qal Aaron Simpson hu li l-hanut huwa bar.

Issa, bhalma jinghad fl-artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, “jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta’ xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali.” Ir-regolament 3 fl-Avviz Legali msemmi ma juzax il-kelma “postijiet” izda jirreferi ghal “fond”. Kieku l-legislatur ried b’xi mod jillimita s-sinifikat tar-regolament 3 ghad-definizzjoni moghtija fir-regolament 2, kien juza l-kelma “post” jew juza l-kelma “postijiet” u l-bqija tar-regolament fil-plural. Izda dan m’ghamlux. Minflok uza l-kelma “fond”. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda diffikulta` ssostni illi anke “bar” huwa kolpit minn dak ir-regolament galadarba hu miftuh ghall-pubbliku, u dan sija jekk joffri ikel u sija jekk ma joffrix.

Konsegwentement anke t-tieni aggravju hu michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------